MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 222/2012

**Appell Nru. 222/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anne Marie Micallef)**
**Vs**
**Paul Magro**

**Illum 28 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Paul Magro [detentur tal-karta tal-identita` numru 492273(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Fit-23 ta' Gunju, 2008, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14.30hrs), minn gewwa x-Xatt ta'

Tigne', Sliema, ikkommetta serq minn gewwa l-fond Fortina & Spa, li sar ghad-detriment ta' l-amministraturi ta' l-istess fond u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tlieta mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli nhar it-23 ta' Gunju, 2008, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar, (14.30hrs) gewwa l-fond Fortina & Spa, sitwat fix-Xatt ta' Tigne', Sliema, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-amministraturi ta' l-istess fond u/jew persuni ohra, liema hsara ma teccedix it-tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29);

3. U aktar talli nhar is-7 ta' Awwissu, 2008, gewwa x-Xatt ta' Tigne', Sliema, ikkommetta serq minn gewwa l-fond Fortina & Spa, li sar ghad-detriment ta' l-amministraturi ta' l-istess fond u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. U aktar talli fis-7 ta' Awwissu, 2008, gewwa l-fond Fortina & Spa, sitwat fix-Xatt ta' Tigne', Sliema, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-amministraturi ta' l-istess fond u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

5. U aktar talli nhar is-7 ta' Awwissu, 2008, u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37),

mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

6. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u cioe' mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D., diversament preseduta, u datata 29 ta' Gunju, 2008.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' April, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 278, 279, 325, 334 (alternattiv), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 17 u 20 ta' l-istess Kapitolu, sabet lill-appellant Paul Magro hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' sena u nofs.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fejn waqt illi tikkonferma l-parti tas-sentenza relattiva ghas-sejbien tal-htija konsegwentement, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront ta' l-esponenti u dan billi taghti piena iktar gusta u ekwa hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponent jixteq jirrileva illi fid-dsatax (19) t'Aprii 2012, minhabba illi kien hemm theddida ta' bomba gewwa l-qorti, l-avukat difensur ta' l-esponenti ma setghax ikun prezenti ghas-seduta minhabba li ma thalhiex jidhol fil-bini tal-Qrati. Illi l-Qorti, bid-dovut rispett lejha, filwaqt li l-avukat difensur jiskuza ruhu intortament minhabba l-assenza tieghu, l-esponenti hassu aggravat illi dak inhar diversi xhieda minn tieghu ma thahlewx jixhdu fl-Qorti

dwar l-andamenti pozittivi tieghu stess, u dan hekk kif l-istess Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza. L-esponenti jhoss illi ghall-imgieba hazina li ammetta u patta ghalihom permezz ta' sentenzi precedenti ilium il-gurnata c-cirkostanzi inbiddlu totalment u l-esponenti hassu mcahhad milli jkun jista' jtella bizzejjed xhieda rilevanti sabiex jixhdu bil-fatti l-progress li qieghed jaghmel;

Illi l-esponenti jistqarr illi effettivament huwa diga' skonta l-pieni tar-recidivita li ssemmew fis-sentenza hawn fuq imsemmija u ghahhekk tkun saret ingustizzja fuqu
li jerga jehel ghal dak li diga' hallas ghalih;

Illi bid-dovut rispett iejn il-Qorti, jekk verament tlxtieq tkompli tara progress fl-imgieba ta' l-esponenti, l-piena karcerarja zgur li mhux ser tkun is-soluzzjoni hlief izda li tippregudika lill-esponenti milli jkun jista' jkompli jsegwi l-programm tieghu ta' riabilitazzjoni gewwa l-Caritas Malta. Dan ghaiiex permezz ta' din is-sentenza, illi l-
esponenti ser jitnaqsulu r-rekwiziti necessarji li l-Caritas thaddan sabiex jkun parti minn dan il-programm ghal glieda kontra d-droga, u dan kif jixhed ukoll dokument mahrug mill-Caritas u pprezentat fil-Qorti mil-esponenti, fejn jikkonferma dak illi l-esponent qieghed isostni u ghalhekk l-esponenti jhoss li m'ghandux ingustament jigi punit darbtejn; Dawn it-tip ta' sentenzi jgibu hafna emozzjonijiet negattivi u l-esponenti jistqarr illi l-fatt kif persuni fic-crikostanza tieghu li jkunu qieghdin isegwu l-programmi u jfiequ mid-droga, jispiccaw jehlu l-habs u jergghu jaqghaw fil-vizzju tad-droga.

Ikkunsidat.

L-appellant gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'sensiela a' serqiet agravati mill-fond Fortina & Spa Resort ix-Xatt ta' Tignie tas-Sliema. Fil-mori tal-kawza l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu liema ammissjoni giet debetament konfermata u b'Sentenza moghtija fl-24 ta' April, 2012, il-Qorti tal-Magistrati kkundannat lill-appellant ghal perjodu ta' prigunerija ta' tmintax il-xahar.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appella fejn l-agravju tieghu jikkoncerna l-piena. L-appellant argumenta illi fil-mori ta' din il-kawza rriforma ruhu u anke l-istess Qorti kkonfermat illi huwa "clean" (fol 60). Il-Qorti wkoll semmiet ix-xhieda ta' Jean Cali illi qalet illi l-appellant kien qed juri progress, f'hajtu hemm certa stabbilita u hemm il-buona volonta illi jintegra ruhu bhala cittatidn onest mas-socjeta. F'dan l-istadju ta' hajtu l-piena kalcerarja mhijiex ser tkun ta' beneficcju ghall-appellant anzi ser isservi aghar, sena u nofs huma harxa wisq u talab illi tinghata xi alternattiva ghal din il-piena.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti rat illi dan l-argument ta' l-appellant kien diga tqajjem quddiem il-Qorti ta' Prima Stanza illi hadet in konsiderazzjoni x-xhieda ta' Jean Cali dwar l-andament posittiv ta' l-appellant, tant hu hekk illi l-istess Qorti ddikjarat illi kienet ser iz-zomm dan il-progress fil-kompjutazzjoni tal-piena. Pero' minn naha l-ohra, l-Ewwel Qorti ma setghetx tinjora l-passat refrettarju ta' l-appellant fejn dana nghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu u ma tax kaz, tant illi bbenefika minn tliet Conditional Discharges, Probation Orders u anke kellu Sentenza sospiza b'supervizjoni. Din il-Qorti tawgora illi l-appellant jibqa juri dan il-progress illi jghid illi qed jaghmel, pero' lanqas ma tista tinjora dak il-passat tieghu u jekk ghal darba ohra terga taghti xi opportunita hemm ir-riskju illi l-appellant jahseb illi jkun sar xi benjamin tal-Qorti u jaghmel x'jaghmel, b'daqsxejn sforz ta' progress, jista jikkonvinci lill-Qorti illi taghtih cans iehor u ma tibghatux il-habs. Pero' l-appellant irid jifhem illi l-Qorti wkoll ghandha l-limiti tal-pacenzja u mehud inkonsiderazzjoni l-facilitajiet illi gie moghti illi kollha sfaw fix-xejn din il-Qorti ma tahsibx illi s-sitwazzjoni tista tkun tollerata aktar u, bhall-Ewwel Qorti, jidhrilha illi jekk l-appellant verament ried juri progress dan intwera biss gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appella u tikkonferma s-sentenza appellata, b'rakkomandazzjoni li d-direttur tal-habs jiffavorixxi l-kuri

medici kollha li l-hati ghandu bzonn ghal kondizzjoni medika li jghid li ghandu bir-rikors lil din il-Qorti tat-13 ta’ Novembru 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------